MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 2/2002

**Emanuel Cachia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Mejju, 2002 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali tat-12 ta' Settembru 2001 li taqra hekk:-

"*L-applikazzjoni tieghek ghall-Ghajnuna ghall-Qghad kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li m'intix/m'ghadekx aktar intitolat ghal din l-Assistenza ghaliex id-Direttur mhux sodisfatt li tabita fl-indirizz moghti minnek*".

Fl-appell tieghu l-appellant sostna li hu jghix fil-Garage minnu ndikat.

Risposta tad-Direttur:-

"*Id-Direttur jesponi bir-rispett:-*

*1. Illi l-appellant applika ghall-Ghajnuna Socjali ghad-dizimpieg fil-11 ta' Lulju 2001 u beda jithallas l-Assistenza mis-7 ta' Lulju 2001.*

*2. Illi minn spezzjoni li saret mill-ispetturi tad-Dipartiment fl-indirizz ta' l-appellant, irrizulta li skond ir-rapport ta' l-ispetturi, id-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-appellant qed jabita fl-indirizz moghti minnu.*

*3. Illi ghalhekk id-Direttur informa lill-appellant bir-risposta negattiva tieghu fit-12 ta' Settembru 2001.*

*4. Illi dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta' ligi jew principji ta' mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud*".

Irrizulta illi fit-30 ta'Awissu 2001 ufficjali tad-dipartiment tas-Sigurta' Socjali, Ian Napier u George Cremona, ghamlu access fil-Garage bl-isem "Disney", Triq il-Hali, Zebbug u rrilaxxaw dan ir-rapport:-

"*Called and found a house named "West End", with two underlying garages. We got no answer knocking on both doors.*

*We called again and found the garage on the left hand side of the house named "West End" open. A man was taking out a foreign registered car assisted by Emanuel Cachia. We asked Mr. Cachia to show us in the living quarters within the garage. We were shown a kitchen sink, a bed, a toilet and shower. Although one can argue that the set up was habitable we observed that the place was not lived in as clothes, linen, food and drinks were conspicuous by their absence*".

Affidavit tal-appellant:-

"*Affidavit ta' Emanuel Cachia ta' "Disney", Triq il-Hali, Zebbug, li bil-gurament tieghu jiddikjara dan li gej:-*

*Jien ghandi 32 sena, ghandi zewg huti mizzewgin, missieri miet fl-1979, u sa xi sentejn ilu kont nghix m'ommi. Kont bdejt inbati bil-'breakdown', u fil-fatt qieghed taht il-kura tal-Professur John Mifsud, li jordnali l-pilloli (ara dokument A), li ngibhom bil-karta r-roza.*

*Jien u ommi konna nargumentaw spiss" ma konniex naqblu. Jien ma kontx naqbel mal-habib li kellha dak iz-zmien, illum hija ghandha habib iehor. Wara wiehed mill-argumenti li kellna, ommi keccietni mid-dar. Jien kont diga' ili nipprova nsib fejn immur nghix ghal rasi, izda peress li ma kellix wisq flus, ma sibtx fejn immur noqghod bi ftit flus. Ghalhekk, meta ommi keccietni mid-dar, qbadt hwejgi u nizzilthom fil-garage li hemm mad-dar ta' ommi, u tfajt kollox hemm. Nghid li fil-garage diga' kien hemm toilet, sink u shower, ghalhekk dakinhar stess nizzilt is-sodda tieghi fil-garage u minn dakinhar stess bdejt nghix hemm. Fil-granet ta' wara komplejt innizzel xi affarijiet ohra tieghi, fosthom it-television, u tajt ic-cwievet tad-dar lill-ommi. Applikajt ghal telefon ghalija fuq ismi (ara dokument B) li ghandu n-numru 21467518. Il-garage tajtu isem ghalih, "Disney", biex inkun nista' nircievi l-posta hemm, u bdejt nixtri xi affarijiet biex inkun nista' ninqeda, bhal fridge, cooker u washing machine. Lill-ommi ma nhallashiex kera ghal dan il-garage.*

*Kemm ilni nghix fil-garage gieli sibt xi impieg, izda ma jirnexxilix indum. Bhal issa qieghed nirregistra ghax-xoghol u qed naghmel kors ta' l-E.T.C. biex nitghallem is-sengha ta' l-aluminium.*

*Niddikjara li jien u ommi ma nitkellmux: biex ghamlitli l-affidavit kelli nqabbad lil ohti Mary Rose biex tghid 'l ommi taghmel l-affidavit dwari. Nghid li ma naqbilx mar-raguni li hija tat fl-affidavit taghha ghalxiex hija keccietni – keccietni ghax jien ma kontx qed naqbel ma kif kienet qed tghix hi.*

*Niddikjara wkoll li meta gew l-'inspectors' tas-Social Services l-anqas biss fethu l-fridge biex jaraw x'ikel kelli. Meta staqsewni fejn niekol, ghidtilhom li niekol barra, ghax f'nofsinhar niekol xi hobza, u l-ikla principali ta' fil-ghaxija nehodha min ghand il-genituri ta' l-gharusa tieghi. Dakinhar li gew l-'inspectors' kont sahansitra qed nahsel il-hwejjeg fil-washing machine. Jekk l-'inspectors' kellhom xi dubju dwar fejn  qed nghix, messhom gew xi darba bil-lejl; matul il-gurnata nkun hafna barra, imma m'ghandi mkien iehor fejn nghix.*

*F'Ottubru jew Novembru li ghadda applikajt ghal post mal-Housing (ara dokument C) u l-'inspectors' taghhom gew jaraw fejn qed noqghod, izda s'issa ghadhom ma offrewli ebda post iehor.  Bhalissa qed ikolli nissellef il-flus, u ghal dan l-appell kelli nqabbad avukat ta' l-ghajnuna legali*".

Affidavit ta' omm l-appellant, Victoria Cachia:-

"*Bil-prezenti, Victoria Cachia armla ta' Luciano, bint il-mejjet Emanuel Tanti u Catherine nee' Camilleri, imwielda u toqghod Haz-Zebbug, karta ta' l-identita' numru 800444 (M) tiddikjara u bil-gurament tikkonferma li hija kecciet mid-dar ta' l-abitazzjoni taghha lil binha Manuel Cachia, karta ta' l-identita' numru 54370 (M) minhabba mgieba hazina da parte tieghu li ghamlet il-konvivenza tieghu fid-dar taghha mhux aktar possibbli.*

*Bhala konsegwenza, Manuel Cachia qed jghix fil-garage tat-testatrici bla numru u l-isem "Disney", fi Triq il-Hali, Haz-Zebbug u ilu jghix hemm sentejn.*

*Dan il-gurament gie maghmul u moqri wara li fissirt il-kontenut tieghu skond il-ligi f'Malta, Haz-Zebbug, Triq Sant'Antnin, numru 21*".

Minn ezami tal-provi kollha prodotti ma jirrizultax li l-appellant qed jabita ma' ommu u c-cirkostanzi partikolari kif jirrizultaw mix-xhieda tal-appellant huma verosimili. Jigi osservat illi fl-access taghhom l-ispetturi tad-Dipartiment ma sabux lill-appellant fid-dar ta' ommu u

ghalhekk fuq bazi ta’ probabilita`, l-Arbitru hu tal-fehma illi l-appellant jabita ghal rasu fil-Garage “Disney”, Triq il-Hali, Zebbug.

Ghaldaqstant l-Arbitru jilqa’ dan l-appell.”

Minn din id-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta` Socjali bl-aggravju illi fid-decizjoni tieghu l-Arbitru ghamel interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta iffonda l-konkluzjoni tieghu fuq bazi ta’ probabilita`. Obbjezzjoni ohra tieghu fil-konfront tas-sentenza appellata hi spjegata fuq il-motivi illi l-Affidavit tal-appellat ma giex notifikat lilu u allura hu ma nghatax l-opportunita` li jirribattih.

L-ewwel oservazzjoni li trid taghmel il-Qorti fir-rigward tal-appell interpost hi din. ‘Stricto jure’ fir-rikors tal-appell l-okkju tal-appell kellu jsegwi l-okkju tad-decizjoni moghtija mill-Arbitru. Dik proprju fl-ismijiet “Emanuel Cachia –vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali”. Strettament ma nghatat l-ebda sentenza fl-ismijiet kif manifest fir-rikors tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali izda biss fl-ismijiet inversi. F’dan il-kuntest l-appellat ma qajjem l-ebda pregudizzjali. Jinkombi ghalhekk lill-Qorti li tezamina jekk dan il-fatt iwassalx ghan-nullita` ta’ l-appell.

Fost il-partikolaritajiet essenzjali li ghandu jkun fih ir-rikors ghat-thassir tas-sentenza wiehed isib, b’applikazzjoni tal-Artikolu 143 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, illi ghandu jkun fih riferenza ghat-talba u ghas-sentenza li tkun qeghda tigi appellata, flimkien ma’ ragunijiet dettaljati li ghalihom ikun qed isir l-appell.

Dwar nuqqasijiet fl-okkju ma jinghad xejn f’dawn il-partikolarijiet u dawk l-ohra traccjati fis-subincizi tal-precitat artikolu. Mhux hekk biss pero`. Fis-subinciz (5) il-ligi tipprovdi li n-nuqqas ta’ tharis ta’ dak li hu mehtieg bhala partikolaritajiet ma jirrendix null ir-rikors tal-appell, in kwantu f’kull kaz, il-Qorti tista’ tordna b’digriet lill-appellant biex, zmien jumejn, jipprezenta nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega mil-ligi, u li ma jkunux ingiebu regolarment fir-rikors.

Dippju in forza ta’ l-Artikolu 175 (2) tal-Kap 12, din il-Qorti ghandha l-fakolta` tordna jew tippermetti li jissewwa kull zball fir-rikors f’kull zmien mis-sentenza, haga li sejra tipprovdi ghalih infra. Dan ighodd ukoll ghat-twegiba ta’ l-appell.

Eliminat dan l-ostakolu procedurali, jigi osservat illi fl-assjem taghhom l-aggravji tal-appellanti jirrigwardaw aktar milli principji ta’ ligi talba ghar-revizjoni tal-apprezzament ta’ fatt li ghamel l-Arbitru fuq l-appell sottomess lilu mill-applikant appellat. L-element baziku u rikorrenti fil-korp tal-appell tieghu jinkwadra ruhu fuq il-fatt illi l-appellat ma gabx provi sufficjenti li hu kien qieghed tabilhaqq jabita fil-garaxx “Disney”, Triq il-Hali, Zebbug.

Aggravju bhal dan ma hu xejn hlief invit lill-Qorti biex din taghmel evalwazzjoni ‘ex novo’ tal-provi migjuba quddiem l-Arbitru, biex imbaghad, skond kif pretiz mill-appellant, din thassar id-decizjoni appellata.

Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi qorti tat-tieni grad ma tindahalx, hlief f’kazijiet eccezzjonali, u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ tribunal ta l-ewwel istanza (**Vol XXXII pI p17**; **Vol XXXVII pI p56**; **Vol XLV pI p47**).

F’kull kaz, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma jidherx illi l-Arbitru uza d-diskrezzjoni tieghu zbaljatament.

Il-Qorti tifhem li fit-termini tal-legislazzjoni applikabbli f’materja ta’ din ix-xorta (Kap 318), kif rivizitata f’gurisprudenza pacifika, il-posizzjoni hi din:-

1. “*L-oneru tal-prova kien fuq l-applikant Prova li kellha tkun tali li tissodisfa lid-Direttur li naturalment kellu wkoll ikun ragjonevoli fl-apprezzament tal-provi prodotti. Certament, pero`, kellu kull dritt jesigi prova adegwata, serja u attendibbli*” – “**Charles Bonaci –vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, Appell, 9 ta’ April 2001.

2. Id-Direttur ghalhekk kellu jkun l-ewwel arbitru li japprezza dik il-prova u jiddeciedi dwarha. "*Il-posizzjoni korretta allura kienet illi jekk l-applikant effettivament jipproduci dik il-prova rikjesta sal-grad li kellha ragjonevolment tikkonvinci lil min kellu jiddeciedi, d-Direttur ma kellu l-ebda diskrezzjoni li jichad it-talba*" – "**George Zammit –vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 27 ta' April 2001.

3. Dejjem skond l-ahhar decizjoni msemmija l-ezercizzju tal-poteri minn Direttur kienu sindakabbli sal-punt li seta' jigi mistharreg gudizzjarjament mill-Arbitru f'dawk il-kazijiet fejn jigi provat illi d-decizjoni tad-Direttur tkun wahda azzardata u irragjonevoli mhux bazata fuq provi, jew fejn jirrizulta illi l-applikant ma kienx inghata l-opportunita` li sewwa jipprova l-pretensjoni tieghu.

Hekk jidher li sar fil-kaz taht konsiderazzjoni. L-appellant jillamenta li l-Affidavits prezentati mill-appellat fuq stedina tal-Arbitru ma gewx notifikati lilu. Issa wiehed necessarjament u logikament jifhem illi dawn l-Affidavits ma kienu jikkontjenu l-ebda prova gdida li setghet issorprendiet lill-appellant izda biss redazzjoni tal-provi orali gja prodotta mill-appellat li l-Arbitru xtaq li tkun guramentata. Wara kollox ma jidherx li l-Arbitru akkampa l-parti disposittiva tad-decizjoni tieghu eskluzivament fuq din il-motivazzjoni izda ha qies ukoll tal-osservazzjoni illi fl-access taghhom l-Ispetturi Dipartimentali ma sabux lill-appellat fid-dar ta' ommu izda tabilhaqq fil-garage.

L-appellant obbjetta ghal fatt illi l-Arbitru wasal ghall-konkluzjoni tieghu fuq il-bazi tal-probabilita`. Din l-objezzjoni tieghu, tradotta fl-ewwel aggravju ma ssibx riskontru la fid-dottrina legali u lanqas fil-kazistika. Meta min hu imsejjah biex jiggudika jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu huwa jaghmel dan fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet, sostrat dan tal-konvinciment morali tieghu. Ara decizjonijiet a **Vol XXXVI pI p319** u fl-ismijiet "**Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace"**, Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986, fost bosta ohrajn.

Hi opinjoni ta' dina l-Qorti illi kollox ma' kollox l-Arbitru wasal ghal deduzzjoni ragjone li fuq il-fatti u provi li kellu quddiemu u konsegwentement id-decizjoni tieghu, anke in bazi ghal konsiderazzjonijiet ohra fuq esposti, hi guridikament ineccepibbli u ma timmeritax li tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tordna li r-rikors u r-risposta tal-appell jigu korretti billi l-okkju jigi invertit, tiddeciedi billi tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra d-Direttur tas-Sigurta` Socjali.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------